**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 184/2019 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**vs**
**Josianne (Josephine Anne) Role'**
**Denise Role'**

**Illum 12 ta' Frar, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Josianne (Josephine Anne) Role' nee' Micallef u detentrici tal-karta tal-identita' nru 100863(M)

U

Denise Role' u detentrici tal-karta tal-identita' nru 222192(M).

Akkuzati talli, bejn il-11:15 ta' filghodu u l-11:45 ta' filghodu tal-5 ta' Settembru, 2018 minn gewwa l-hanut 'Massimo Dutti', li jinsab Tigne' Point, Sliema (The Point Shopping Mall):

1. Ikkommettew serq ta' hwejjeg u/jew affarijiet ohra, ghad-detriment tal-kumpanija Massimo Dutti u/jew kumpaniji ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u l-valur liema ammont jeccedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94).

Il-Qorti hija wkoll li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati ihalsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 9 ta' Mejju, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' Josianne Role; estratt mill-tac-certifikat tat-twelid ta' Denise Role'; fedina penali ta' Denise Role'; fedina penali ta'

Josianne Role'; dikjarazzjoni ta' Josianne Role' ta' rinunzja ghal jedd tal-parir legali; stqarrija rilaxxjata minn Josephine Role' nhar il-5 t'Ottubru, 2018; dikjarazzjoni ta' Denise Role' ta' rinunzja ghal jedd tal-parir legali; stqarrija rilaxxjata minn Denise' Role' nhar il-5 t'Ottubru, 2018; kunsens tal-Avukat Generali; sett ta' ritratti mmarkati bhala Dok JR1; ritratt u valur tal-oggetti mmarkati bhala Dok NSP1; pendrive mmarkata bhala Dok NSP2; hames ritratt immarkati bhala Dok NSP3; okkorrenza mmarkata bhala Dok VM1; filmat immarkat bhala Dok JR1; sentenza mmarkata bhala Dok JA1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lill-Ispettur Jonathan Ransley; Nick Spiteri Paris; WPS 215 Valerie Mifsud; PS 1147 Antoine Fenech.

**L-Ispettur Jonathan Ransley** jispjega li fil-5 ta' Settembru, 2018, Nicholas Spiteri Paris bhala CEO Tal-hanut Massimo Dutti rraporta li zewg nisa kienu serqu xi affarijiet, fosthom hwejjeg mill-hanut taghhom. Dawn iz-zewg nisa dahlu fil-hanut tieghu xi l-11:15 a.m. u regghu hargu f'12:00 p.m. Huwa pprovda CCTV u xi ritratti li ntbghatu lil Forensika ghall-analizi taghhom. Huwa spjega li nsteraq sweater griz li l-valur tieghu huwa €60, hoodie griz li l-valur tieghu huwa €80, gakketta skura li l-valur tieghu huwa €100 u par zarbun li l-valur tieghu huwa €100. L-Ispettur Ransley spjega li dawn il-prezzijiet huma selling price, ghaliex meta talab lill-Nicholas Spiteri Paris sabiex jghaddilu l-cost price tal-affarijiet misruqin, qatt ma gie provdut b'dawn il-prezzijiet. Inoltre jispjega li fit-28 ta' Settembru, 2018, wahda mis-sales girls identifikat lil Denise Role' u l-mara li kien hemm maghha kienet ommha. L-Ispettur talab lill-Magistrat tal-Ghassa sabiex jinhareg mandat t'arrest fil-konfront ta' dawn iz-zewg nisa u fl-4 t'Ottubru, 2018, dawn il-mandati gew ezegwiti. Meta saret search gewwa r-residenza taghhom, it-tfittxija rrizultat fin-negattiv. Fil-5 t'Ottubru, 2018 l-Ispettur Ransley interroga lil Denise Role' fejn din qalet li huwa minnu li marret fil-hanut ta' Massimo Dutti tara xi hwejjeg ghal missierha peress li kellhom tieg. Hija tikkonferma li kellha l-hwejjeg f'idejha u marret fejn ic-changing rooms sabiex iddendel il-hwejjeg u tiehu ritratt tal-istess hwejjeg biex tara jekk joghgbux lil missierha. Meta giet mitkelma Josephine, din qalet li rat lil Denise tiehu xi ritratti ta' flokkijiet tal-irgiel, izda Denise qalet li hadet dawn ir-ritratti fic-changing room. Meta gew mistoqsija jekk qattx kellhom xi kazijiet il-Qorti, it-tnejn li huma cahdu, izda meta l-Ispettur ra l-fedini penali taghhom, irrizulta li Josephine kellha kaz fuq serq mill-hanut Dorothy Perkins, fejn kienet serqet handbag fl-2012.

**L-Ispettur Jonathan Ransley** rega' xehed fis-17 ta' Settembru, 2020 in kontro-ezami fejn ikkonferma li gewwa ta' Tas-Sliema, isiru diversi serqiet ta' shop lifting u li ressaq diversi nies in konnessjoni ma serq minn gewwa l-hanut Massimo Dutti fost hwienet ohra wkoll.

**Nick Spiteri Paris** jispjega li fil-5 ta' Settembru, 2018 ghal habta tal-11:30 a.m. insterqu xi affarijiet mill-hanut Massimo Dutti gewwa l-kumpless The Point tas-Sliema u l-valur ta' dawn il-hwejjeg kien €340. Jikkonferma li l-oggetti misruqin kienu gakketta tal-irgiel, hoodie tal-irguel u slipper tal-irgiel. Nick Spiteri Paris jispjega li kull oggett li jinbiegh gewwa l-hanut ghandu cippa li l-impjegati jkunu jafu ezatt fejn qieghed l-oggett. Gara li c-cippa fuq dawn l-oggetti misruqa nqalghu gewwa l-fitting rooms u c-cipep tpoggew fuq oggetti ohrajn gewwa l-hanut. Meta Nick Spiteri Paris iccekkja s-CCTV footage, osserva zewg nisa li tefghu c-cipep fuq hwejjeg ohra gewwa l-hanut.

**WPS 215 Valerie Mifsud** tispjega li fis-6 ta' Gunju, 2018, Nicholas Spiteri Paris li huwa s-CEO tal-hanut Massimo Dutti mar jirraporta li fil-5 ta' Settembru, 2018 zewg nisa kienu serqulu erba' bicciet hwejjeg mill-hanut. Huwa pprovda ritratti ta' dawn iz-zewg nisa, kif ukoll lista tal-affarijiet li nsterqu bil-prezzijiet taghhom. Spjega li n-nisa dahlu gewwa l-hanut ghal habta tal-11:15 a.m. u hargu f'nofsinhar. WPS 215 Valerie Mifsud infurmat lill-Ispettur Jonathan Ransley li sussegwentement provdiela Mandat t'Arrest sabiex tezegwih. Meta marret gewwa r-residenza ta' Josianne u Denise Role' sabet li kellhom hafna hwejjeg u mhux tad-ditta ta' Massimo Dutti biss, pero' l-hwejjeg misruqa ma sabithomx.

**PS 1147 Antoine Fenech** spjega li DOK JR1 huwa CD f'liema CD hemm filmat li kien gie mghoddi lilu minn fuq pen drive.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti ghandha quddiemha x-xhieda ta' Nick Spiteri Paris li huwa l-uniku persuna li xehed dwar dak li kien gara dak in-nhar tal-5 ta' Settembru 2018. Illi fix-xhieda tieghu huwa ma jidentifikax ruhhu bhala persuna in rapprezentanza tad-ditta Massimo Dutti jew impjegat ta' l-istess hanut. Fil-kors tax-xhieda tieghu jipprezenta filmat li wara gie ezebit ukoll permezz ta' cd mill-prosekuzzjoni li juri filmat mehud minn fuq screen ta' kompjuter, allegatament is-CCTV ta' l-imputati li qed ipoggu cipep ta' l-affarijiet allegatament misruqa minnhom f'oggetti ohra. Il-filmat l-iehor li huwa twil daqs madwar 59 minuta ma juri fl-ebda mument lill-persuni imputati. Izda l-filmati mehudin minn fuq screen iehor juri lill-imputati.

Jirrizulta illi tfittxija li saret fir-residenza ta' l-imputati ma nstabux l-affarijiet allegatament misruqa li huma gakketta ta' l-irgiel, hoodie ta' l-irgiel u zipper ta' l-irgiel.

Illi fix-xhieda tieghu Nick Spiteri Paris jghid li dawn l-oggetti li allegatament inserqu jiswew tlett mija u erbghin Ewro (Eur 340) u ma gie ipprezentat l-ebda dokument f'dan ir-rigward, bhal invoice jew stima. Ma jirrizultax lanqas li x-xhud Spiteri Paris huwa persuna kwalifikata biex taghti stima dwar dawn l-oggetti li allegatament gew misruqa.

Illi ghalhekk il-prova principali li l-prosekuzzjoni qed torbot fuqha hija l-filmat li fejn jidhru l-imputati allegatament qed jitfghu xi cippa f'oggetti ohra, f'wiehed minnhom tidher Denise Role qed tara baskett u titfa' xi oggett fih, u fl-iehor tidher ommha Josephine Role qeghda tara zarbun. Dan il-filmat jirrizulta li huwa filmat mehud minn filmat li jidher fuq screen ta' kompjuter, fil-filmat jinstemghu vucijiet fil-*background* jghidu x'qed jahsbu li qed jaghmlu l-imputati waqt li qed jidhru fil-filmat. Hawnhekk hawn sitwazzjoni fejn l-awtur tal-filmat ma jikkonfermax il-filmat li ttiehed, u kif ukoll li certament din ma kenitx l-ahjar prova li setghet tigi prodotta, ir-raguni ghalfejn il-filmat l-originali ma giex ezebit per se ma nghatatx.

Dan pero' ma jfissirx li dan il-filmat ma hux ammissibbli bhala prova, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fil-15 t'Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet I*l-Pulizija vs David Sant* kienet irriteniet is-segwenti:

*"Wiehed irid jiddistingwi bejn l-ammissibilita` ta' dokument u l-valur probatorju li jista' jinghata lil tali dokument. Ghalkemm huwa dejjem desiderabbli li meta jigi ezibit dokument li jkun irregistra xi xena jew diskors – film, video clip, tape recording u registrazzjonijiet ohra simili – jittella' jixhed xi hadd li jkun jista' jikkonferma kif u taht liema cirkostanza saret dik ir-registrazzjoni, tali konferma ma hix pre-rekwizit ghall-ammissibilita` tad-dokument. Bizzejjed wiehed jiehu l-kaz ta' meta, waqt xi perkwisizzjoni, jinstab ritratt jew filmat li jkun juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga li tkun relevanti ghall-meritu tal-kaz; ilpersuna li tkun hadet dak ir-ritratt jew gibdet il-filmat tista' ma tkunx rintraccabbli (tista' anke tkun l-istess imputat li naturalment, bhalma ghandu kull dritt, jibqa' sieket meta mistoqsi dwar dak l-oggett), izda b'daqshekk ma jfissirx li dak id-dokument ma jkunx ammissibbli. In-nuqqas ta' produzzjoni ta' min ha r-ritratt jew gibed il-filmat (jew irregistra l-konversazzjoni) jista', skond ic-cirkostanzi, jincidi fuq kemm dak li juri dak id-dokument huwa minnu – ghalhekk ilvalur probatorju. Jista' jkollok ukoll sitwazzjonijiet fejn il-persuna li tkun hadet ir-ritratt jew filmat, jew li rregistrat il-konversazzjoni, tkun talbet li tibqa' anonima. Hekk per ezempju, jista' jkollok filmat li juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga – l-azzjoni tkun cara izda ma jkunx jista' jigi identifikat min qed jaghmel dik l-azzjoni, cioe` jekk hux l-imputat jew persuna ohra. Min ikun ha dak il-filmat ikun possibilment jista' jidentifika lill-imputat; jekk jibqa' ma jidentifikahx ghax ma jittellax jixhed, il-prosekuzzjoni tkun naqset milli tipprova li l-azzjoni hemm murija tkun saret mill-imputat. Kwistjoni simili kienet giet deciza mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Dicembru 1998 fis-sentenza (preliminari) fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja u in segwitu konfermata fuq dan il-punt minn din il-Qorti*

*kollegjalment komposta. Il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-ammissibilita` ta' registrazzjoni ta' konversazzjonijiet telefonici li allegatament kienu saru bejn l-akkuzat u xhud tal-prosekuzzjoni. Dik il-Qorti kienet iddikjarat il-casette tape relattiv ammissibbli minkejja li l-pulizija kienet naqset, anzi rrifjutat, li tghid min irregistraha u kif dik ir-registrazzjoni kienet saret. Il-Qorti Kriminali f'dak il-kaz kienet ghamlet referenza ghall-insenjament ta' Lord Chief Justice Goddard fil-kaz Kuruma, son of Kaniu v. The Queen fejn a pagna 203 jinghad hekk: "…the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible, and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While the proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordship's opinion it is plainly right in principle." Ghalkemm dan intqal fil-kuntest ta' allegazzjoni li l-prova kienet inkisbet b'mod illegali, ilprincipju jibqa' li t-test huwa dak tar-relevanza: jekk il-filmat jew ritratti jew registrazzjoni hu jew jista' jkun relevanti – jigifieri mhux manifestament irrelevanti – allura, fin-nuqqas ta' xi exclusionary rule of evidence dak id-dokument hu ammissibbli, salv dejjem kif inghad ilkwistjoni tal-valur probatorju. Mill-banda l-ohra, jekk ir-relevanza tad-dokument ma tkunx tista' tigi stabbilita mill-istess filmat jew ritratt jew registrazzjoni, allura, fin-nuqqas ta' xi xhud li jkun jista' jistabilixxi dik ir-rilevanza, il-Qorti tista' tasal ghall-konkluzzjoni li dak listess dokument hu manifestament irrelevanti u allura anqas biss tqisu."*

Madanakollu fil-filmat ezebit l-imputati ma jidhrux li qeghdin jiehdu xi affarijiet maghhom jew ipogguhom fil-basktijiet li kellhom jew adirritura jdhalluhom fic-changing rooms u johorgu minghajrhom. Dan ma jfissirx li ma naqsux l-affarijiet li allegatament insterqu, izda ladarba Nick Spiteri Paris jispjega li jsir stock take kull siegha fil-hanut, dan l-istock stake ta' l-oggetti li gew nieqsa dak il-hin dak in-nhar ma giex ipprezentat fil-Qorti. Jidher ukoll f'filmat minnhom li Denise Role qeghda tara baskett u tpoggi xi haga go fih, li Nick Spiteri Paris jghid li kienet ic-cippa u cioe' wahda mis-*security tags* li allegatament inqalghu mill-oggett misruq u tpogga f'baskett muri gol hanut. Ghalkemm Nick Spiteri Paris jghid li Josephine Role hekk ghamlet, ghal din il-Qorti Josephine Role tidher biss li qed tara oggett, u cioe' zarbun fl-istess filmat. Ghar-rigward Denise Role, ma jidhirx x'inhu l-oggett li qeghda tpoggi fil-baskett, u ma ttellghatx l-impjegata jew l-impjegat biex jispjega dak in-nhar x'instab gol baskett, jekk hux is-security tag relatata ma' l-oggett nieqes in partikolari jew xi haga ohra, dan ma sarx lanqas fil-konfront ta' Josephine Role.

Ghal dak li jirrigwarda l-provi migbura f'dan il-kaz, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali li l-imputati wettqu s-serqa skond kif tindika l-imputazzjoni.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputati Josephine u Denise Role' hatja, u ghaldaqstant qeghda tilliberhom minn kull htija u piena.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**